## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 366/2014: **LINDSEY GAMBIN (KI. 170285M) V. DAPHNE CARUANA GALIZIA NEE' VELLA (KI. 450664M) U B'DIGRIET TAL-11 TA' JANNAR 2018 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM L-EREDI TAGĦHA L-AVUKAT PETER CARUANA GALIZIA (KI. 30056M), MATTHEW CARUANA GALIZIA (KI. 130886M), ANDREW CARUANA GALIZIA (KI. 384287M) U PAUL CARUANA GALIZIA (KI. 8989M)**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - FAIR COMMENT – META D-DIFAMATUR IMUT FIL-MORI TAL-KAWZA – IL-KUNCETT TA' REPUTAZZJONI U "THE LOSS OF STANDING IN THE ESTIMATION OF RIGHT-THINKING MEMBERS OF SOCIETY GENERALLY" – L-ISTANDARDS TAL-VALURI U PRINCIPJI TAS-SOCJETA LI MAGHHOM TITKEJJEL IT-TNAQQIS FIR-REPUTAZZJONI JINBIDLU MINN ZMIEN GHAL ZMIEN)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Lindsey Gambin ("ir-rikorrenti") ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2014 li permezz tiegħu talbet lil Daphne Caruana Galizia ("l-intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti:

li prevja d-dikjarazzjoni illi bhala awtrici, editrici, u pubblikatrici tal-kitba tieghek intitolata **This is the Super One journalist Konrad Mizzi has been seeing, and the reason his wife left for China,** ippubblikata fil-blog tieghek bl-isem **Daphne Caruana Galizia's Notebook Running Commentary** fuq is-sit elettroniku www.daphnecaruanagalizia.com, ippubblikat fis-7 ta' Novembru, 2014 (kopja ta' l-artikolu hawn anness u mmarkat Doc. LG1), kif ukoll permezz ta' kummenti illi inti hallejt li jidhru fuq l-imsemmi blog inti immalafamajt u illibeljat lill-esponenti billi attakajt l-integrita, l-unur u r-reputazzjoni taghha, sija personali, sija professjonali b' insinwazzjonijiet ghal kollox inveritieri, tigi ikkundannata thallas lill-esponenti dik is-somma li din l-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta joghgobha tiffissa bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li hija soffriet bil-kitbiet tieghek u kummenti li hallejt jidhru fuq l-imsemmi blog, liema kitbiet u kummenti kellhom il-ghan li jtellfu u jnaqssu ir-reputazzjoni integrita u unur taghha. Bl-ispejjes kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2014[1] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

1. **Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi:**
   **(i) Mhumiex libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti; u**
   **(ii) F'kull kaz, jammontaw ghall-*fair comment* dwar fatti sostanzjalment korretti.**

wara li rat li b 'digriet tal-11 ta' Jannar 2018 il-Qorti laqgħet it-talba tal-eredi tal-intimata defunta, ċioe tal-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia (lkoll "l-intimati") sabiex il-ġudizzju jiġi trasfuż f'isimhom wara l-qtil tal-intimata,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti diversement presjeduta,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Edward Gatt,
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Joe Zammit Maempel,

qed tagħti din is-

## Sentenza

[1] Fol. 15

**Liġi applikabbli**

1. Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, ċioe' erba' snin u nofs wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll 'l-Att dwar l-Istampa' (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

> '**25(2). ... l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar**'

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna. Il-Qorti hija konxja illi dan ifisser fost affarijiet oħra illi l-intimati għandhom inqas protezzjoni legali peress illi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama joffri difiżi ġodda fosthom id-difiża tal-opinjoni onesta' u jwessa difiżi eżistenti bħall-*exceptio veritatis*.

3. II-Qorti trid timxi mal-liġi li tapplika għall-fatti li għandha quddiemha u huwa dak li sejra tagħmel f'din il-kawża. Il-Qorti hija konxja ukoll u konfortata bil-fatt illi din il-kawża hija waħda minn numru żgħir ħafna ta' kawżi pendenti li ġew intavolati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 579 u li għadhom qed jistennew eżitu finali. Wara li jiġu disposti b'mod definittiv tali sentenzi, il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta li għal numru kbar ta' snin serva l-iskop tiegħu, ikun uffiċjalment ikkonsenjat għall-arkivji tal-istorja legali.

**Il-mertu tal-kawża**

4. Il-kawża tikkonċerna *blog post* ippubblikat mill-intimata nhar fis-7 ta' Novembru 2014 fuq is-sit elettroniku tagħha 'Running Commentary – Daphne Caruana Galizia' Notebook" bit-titolu "**This is the Super One journalist Konrad Mizzi has been seeing, and the reason his wife left for China**". F'din il-pubblikazzjoni l-intimat allegat illi Dr. Konrad Mizzi, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Enerġija u tas-Saħħa, kien qiegħed f'relazzjoni intima mar-rikorrenti Lindsey Gambin ta' 29 sena, li qabel kienet taħdem mal-istazzjon tat-televiżjoni tal-Partit Laburista, One TV, u li però ddaħħlet taħdem bħala *Communications Consultant* fis-segretarjat privat tar-rikorrent meta dan sar Ministru tal-Enerġija fl-2013.

5. Skond l-intimata, ftit wara li mart il-Ministru, Sai Mizzi Liang dehret fil-pubbliku ma żewġha (r-rikorrent l-ieħor) fil-ftuħ tal-parlament l-ġdid wara l-elezzjoni ta' Marzu 2013 – li kienet waħda mill-ftit okkażjonijiet fejn dehru flimkien fil-pubbliku – l-affarijiet bdew imorru ħażin bejniethom tant illi tlett xhur wara, f'Ġunju 2013 r-rikorrent xtara appartament ġewwa Tas-Sliema fejn mar joqgħod waħdu wara li

ħareġ 'l barra mid-dar matrimonjali. Saret riferenza imbagħad għall-fatt illi f'Settembru 2013 kien ġie rrappurtat fil-*media* illi Mizzi Liang kienet ġiet maħtura bħala *envoy* għal *Malta Enterprise* ġewwa ċ-Ċina u li kienet ser tmur tgħix ġewwa dak il-pajjiż. Skond l-intimata minn informazzjoni li ħarġet ftit wara irriżulta illi hija kienet ser tmur tgħix iċ-Ċina flimkien mat-tfal tagħha (mill-Ministru) u li l-kuntratt tagħha ma *Malta Enterprise* kien ikopri ukoll l-edukazzjoni ta' uliedha, l-akkomodazzjoni u spejjeż anċillari. Skond l-intimata kemm *Malta Enterprise* u kemm il-Gvern baqgħu qatt ma ppubblikaw id-dettalji tal-kuntratt ta' Mizzi Liang minkejja d-diversi talbiet li kienu sarulhom u li meta intalbet spjegazzjoni dwar x'kien jikkonsisti eżatt ir-rwol ta' Mizzi Liang ġewwa ċ-Ċina l-unika tweġiba li ngħatat kien waħda vaga u ċioe dik tal-iffaċilitar tal-ħruġ tal-*visas.* L-intimata kompliet tgħid illi issa ormai kienu ġew ikkonfermati s-suspetti illi Mizzi Liang ma' kienet qed tagħmel xejn ġewwa ċ-Ċina għal *Malta Enterprise.* Qalet ukoll illi r-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrent Mizzi u r-rikorrenti Gambin kien sigriet magħruf mal-membri tal-*media* u fil-politika u li kienet f'posizzjoni li tikkonferma illi s-Sibt ta' qabel il-Ministru u r-rikorrenti Gambin kienu qegħdin jitgħannqu u jbusu lil xulxin b'mod intimu fit-Tiffany Champagne and Cigar Room ġewwa l-Hilton. L-intimata qalet ukoll illi fil-lejl ta' qabel, għall-ħabta ta' nofsillejl, huma rritornaw flimkien Malta b'titjira, u li x-xahar ta' qabel kienu ukoll flimkien fiċ-Ċina meta suppost l-Ministru Mizzi kellu jiltaqa' ma' Shanghai Electric.

6. L-intimata imbagħad spjegat illi għaliha kien ċar dak li kien seħħ u ċioe illi ż-żwieġ bejn il-Ministru u martu kien sfaxxa minħabba r-relazzjoni intima li nibtet bejnu u bejn ir-rikorrenti u li Mizzi Liang għamlet dak li kull mara oħra fis-sitwazzjoni tagħha kienet tagħmel, dik illi tmur lura f'pajjiżha sabiex tkun qrib il-familjari tagħha. Skond l-intimata l-Ministru Mizzi ma' setax jew ma' riedx jiffinanzja r-relokazzjoni ta' martu għaċ-Ċina u lanqas jħallsilha manteniment hu u għalhekk il-Gvern daħal jagħmel tajjeb għalih. Kien għalhekk imperattiv u fl-interess pubbliku, skond l-intimata, illi jiġu żvelati d-dettalji tal-kuntratt ta' bejn Mizzi Liang u l-*Malta Enterprise.* L-intimata tagħlaq billi tgħid illi kien ċar illi Mizzi Liang ma' kienetx qegħda ċ-Ċina biex taqdi lill-Gvern u li l-kuntratt ma' kien xejn ħlief arranġament sabiex Mizzi Liang ikollha s-sapport finanzjarju kollu meħtieġ fit-tul.

7. Fost l-allegazzjonijiet magħmula fil-pubblikazzjoni, dawk meqjusa malafamanti mir-rikorrenti Gambin huma dawk li jalludu għall-allegat relazzjoni intima bejnha u bejn il-Ministru Mizzi u ċioe:

    - illi huma kienu qegħdin f'tali relazzjoni intima,

- illi s-Sibt ta' qabel il-pubblikazzjoni tal-*blog post,* huma kienu qed jitgħannqu u jitbewwsu fit-Tiffany's Champaign and Cigar Room ġewwa l-lukanda Hilton.
- Illi fix-xahar ta' qabel il-pubblikazzjoni huma kien flimkien f'Beijing, iċ-Ċina, meta suppost kienu ġew skedati laqgħat mal-kumpanija Shanghai Electric,
- Illi ż-żwieġ bejn Mizzi u martu sfaxxa wara li bdiet din ir-relazzjoni intima bejn il-Ministru u r-rikorrenti

8. Il-pubblikazzjoni hija miżgħuda b'ritratti inkluż tar-rikorrenti u tal-Ministru u martu. Dawn tal-aħħar ukoll fetħu kawża ta' libell kontra l-intimata fl-istess ġurnata li nfetħet il-kawża odjerna. Bi qbil bejn il-partijiet iż-żewġ kawżi infatti mxew ma' xulxin bil-provi u xhieda mressqa f'kawża japplikaw għall-kawża l-oħra *mutatis mutandis.* Is-sentenza fil-kawża l-oħra qegħda ukoll tingħata llum.

**Provi**

9. **<u>Dr. Konrad Mizzi</u>** xehed fis-seduta tat-23 ta' Frar 2015 illi peress li huwa fil-kamp politiku jifhem illi huwa suġġett għall-kritika però f'dan il-każ ħass li l-intimata qabżet il-linja u huwa ħassu malafamat bl-allegazzjonijiet tagħha li skond hu kienu bbażati fuq gidba sħiħa. Huwa ċaħad illi qatt kellu xi relazzjoni ma Lindsey Gambin oltre minn waħda professjonali. Ċaħad ukoll illi huwa kien telaq mid-dar matrimonjali u mar jgħix għal rasu. Filfatt huwa sostna illi d-dar fejn jirrisjedi, dik ta' tas-Sliema hija tiegħu u ta' martu u dan bħal kull proprjetà li għandu. Qal ukoll illi kienet gidba *"beyond imagination"* li huwa kien qed jitgħannaq u jbus b'mod intimu lil Gambin fil-lok u fil-ġurnata indikati mill-intimata. Huwa sostna li qatt ma' kien bies lil Gambin u lanqas qatt ma' kien hemm tgħanniq intimu bejniethom. Skond hu verament kien hemm darba lil hu u Gambin kienu marru fis-*Cigar Room* tal-Hilton però dan ma' kienx f'kuntest intimu u kienu ma nies oħra. Stqarr illi kien hemm okkażjonijiet oħra fejn hu u Gambin kienu ikunu flimkien però dan kien ikun dejjem ma nies oħra u f'kuntest ta' *business meetings.*

10. Qal ukoll illi filwaqt li kien hemm drabi li Gambin fil-vesti tagħha ta' *Communications Officer* kienet siefret miegħu u mad-delegazzjoni tal-Ministeru ġewwa Beijing, iċ-Ċina, u f'pajjiżi oħra, ma kienx minnu li din kienet siefret miegħu fix-xahar ta' qabel il-pubblikazzjoni meta kelli laqgħat ma Shanghai Electric.

11. Sostna illi r-relazzjoni tiegħu ma' Sai Mizzi Liang kienet solida, feliċi u tajba ħafna u altru milli ż-żwieġ tiegħu kien sfaxxa kontra kif allegat l-intimata. Kien veru illi hija tgħix 'il bogħod minnu però xorta waħda huma kienu jiltaqgħu regolarment. Qal ukoll illi l-kuntatt ta' martu ma Malta Enterprise, li alludiet għalih l-intimata fil-*blog*

*post* tagħha, kien filfatt ġie ippreżentat mill-Gvern fil-Parlament qabel ma nħareġ l-artiklu in kwistjoni.

12. Mizzi spjega kif il-pubblikazzjonijiet għamlitlu ħsara fuq diversi aspetti. Skond hu għamlitlu ħsara fuq livell personali peress li huwa kien f'relazzjoni soda u ma ried bl-ebda mod illi l-intimata ddaħħal xi dubbji f'martu dwar il-fedelta' tiegħu lejha. Fuq livell politiku huwa għandu reputazzjoni xi jżomm bħala Ministru tal-Gvern u għalhekk ħass illi l-allegazzjonijiet setgħu jagħmlulu ħsara billi jċaħħduh milli jiġi rielett. Huwa ħassu ukoll illi sofra ħsara fuq livell professjonali peress illi l-allegazzjonijiet setgħu jpoġġuh f'posizzjoni antipatka meta jkun qiegħed barra minn Malta f'laqgħat flimkien ma Gambin.

13. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontroeżami fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018, meta ġie mistoqsi kemm il-darba kienet ġiet Malta martu fl-aħħar sentejn, jekk kienetx tiġi bit-tfal u fejn kien joqgħodu meta jiġu Malta, Mizzi wieġeb illi martu kienet ġiet ħafna drabi matul il-vaganzi u huwa kien ukoll mar iċ-Ċina biex iżurha. Hija dejjem kienet tiġi bit-tfal u kienu joqgħodu flimkien id-dar tagħhom mentri t-tfal daqqa kienu jkunu magħhom u daqqa man-nanniet. Ċaħad illi t-tfal kienu jkunu għand in-nanniet il-ħin kollu u sostna li kienet gidba faħxija li l-mara kienet toqgħod f'lukanda meta tiġi Malta.

14. Fl-affidavit tagħha ppreżentat fit-23 ta' Frar 2015 ir-rikorrenti **Lindsey Gambin** xehdet illi hija kategorikament tiċħad illi għandha jew qatt kellha xi relazzjoni intima mal-Ministru Konrad Mizzi u li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet waħda purament professjonali ibbażata fuq l-ħidma tagħha bħala membru tas-Segretarjat Ministerjali. Rigward l-allegazzjoni li kienet qed tgħannaq u tbus lill-Ministru b'mod intimu fl-okkażjoni msemmija mill-intimata hija tenniet li anqas biss kienet mal-Ministru fil-ġurnata msemmija. Aktar importanti minn hekk kompliet tgħid li hija qatt ma kienet f'abraċċ intimu mal-Ministru la fil-post msemmi u lanqas f'postijiet oħra, la fil-ġurnata msemmija u lanqas fi kwalunkwe ġurnata oħra. Inoltre rigward l-allegazzjoni li kienet akkumpanjat lill-Ministru fil-mawra tiegħu ġewwa ċ-Ċina hija qalet illi għalkemm ċertament ma kien hemm xejn ħażin, anzi kien dover tagħha, li takkumpanjah fil- mawriet tieghu barra minn xtutna, fiż-żmien li l-intimata qalet illi kienet mal-Ministru ġewwa ċ-Ċina hija kienet fuq btala fl-Amerka żżur parentela tagħha. F'dan ir-rigward annettiet biljett tal-ajru mal-affidavit tagħha. Ir-rikorrenti sostniet ukoll illi spiċċa ż-żmien fejn mara ma tistax tkun fil-presenza ta' raġel waqt xogħol sabiex tevita min javvanza ċertu insinwazzjonijiet u li llum il-mara ma għadiex mxekkla b' perċezzjonijiet għal kollox antikwati.

15. Gambin kompliet tispjega fl-affidavit tagħha illi permezz tal-pubblikazzjoni u tal-kummenti li ħalliet lin-nies jippubblikaw b'reazzjoni għall-istess pubblikazzjoni, l-intimata insinwat li r-rikorrenti hija persuna promiskwa u li avvanzat fil-karriera tagħha permezz tal-istess promiskwita'. F'dan ir-rigward għamlet riferenza ukoll għal xi *blog posts* li tellgħet l-intimata wara li kienet diġà nfetħet il-kawża li skond hi juru l-*mala fede* tagħha u r-reazzjoni tal-pubbliku għall-allegazzjonjiet tagħha.

16. Ir-rikorrenti sostniet illi l-allegazzjonijiet tal-intimata huma malafamanti u dannużi għaliha kemm personalment u kemm professjonalment. Hija dejjem imxiet 'l quddiem bil-ħiliet personali tagħha u ma tqiesx aċċettabbli l-insinwazzjoni li kellha bżonn tidħol f'relazzjoni mal-Ministru sabiex tagħmel dan. Hija tenniet l-preokkupazzjoni tagħha illi l-allegazzjonjiet naffru l-integrita' professjonali tagħha u li dan jista' jwassal għal telfien t'opportunitajiet t'impjieg futuri. Għalhekk insistiet illi l-Qorti timponi s-sanzjoni massima fil-konfront tal-intimata.

17. L-intimata **Daphne Caruana Galizia** xehdet fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015 illi hija tamministra, tagħmel l-*editing* u tikkontrolla l-website daphnecaruanagalizia.com. Għall-mistoqsija dwar jekk kienetx ivverifikat mar-rikorrenti l-informazzjoni li kienet irċeviet hija wieġbet li dan ma' kienx il-każ għaliex f'ċertu sitwazzjonijiet huwa diffiċli li ċċempel lis-suġġett tal-allegazzjoni għal verifika. Mitluba tgħid jekk ivverifikatx is-sorsi tagħha b'mod ġenerali hija wieġbet kif ġej:

*"Jiena s-sors li qalli huwa a very high ranking police officer li minn dak iz-zmien 'l hawn ha l-early retirement. Jigifieri ma kelli ebda ebda raguni ghaliex niddubita fih. U ma qallix li qed ikollhom relazzjoni fis-sens li qeghdin jorqdu flimkien, imma qal li rahom f' dak il-bar li semmejt il-Hilton, Champagnes Cigar's – ma niftakarx l-isem ezatt. U kienu qeghdin flimkien hemm hekk billejl. Qeghdin bilqieghda vicin hafna ta' flimkien. Il-body language huwa ovvju, ma huwiex ta' Ministru u assistenta personali, u kienu qeghdin jitbewsu. Jigifieri l-Ministru mhux ser joqghod jitbewwes ma' l-assistenta personali tieghu. U minn dak iz-zmien 'l hawn, ufficjal ta' l-Armata Maltija li jiena nafu cempilli f' nofs illejl il-Gimgha – "l-Gimgha" jigifieri Friday, minn bar il-Belt nista' nghidlek liema hu, ta' Carlo Sehchell Old Mill Street, u qalli l-Ministru Konrad Mizzi qieghed hawn hekk ma' Lindsey Gambin. Ma qallix ma' Lindsey Gambin. Qalli ma' mara, u qeghdin jixorbu l-inbid. Qeghdin flimkien. U jien bghattlu ritratt dak il-hin stess ta' Miss Gamin, u staqsejtu jekk hix hi din il-mara, u qalli "iva din il-mara stess". Jigifieri dawna ma humiex affarijiet. Its not a profession relationship to be on a Friday nigh at midnight drinking wine with your person relationship...*

*... F' relazzjoni extra matrimonjali hadd ma hu ser ikun fil-kamra tas-sodda maghhom. Jiena nghid li jekk ragel li huwa mizzewweg u l-mara tieghu msiefra qieghed jixrob inbid ma' mara ohra f' nofs illejl il-Gmgha ta' filghaxija, hemm xi haga zgur bejniethom. U huma imisshom ikunu jafu huma*

*stess li dawna ma humiex affarijiet li jsiru, ghax dawna ma humiex nies invizibbli li ma jafhom hadd! Anke per kreanza, anke jekk ikollhom ftit sens go mohhhom ma jaghmluhiex din il-bicc xoghol. U mbaghad hemm il-kwistjoni tal-mara tieghu li huma meta Mr and Mrs Mizzi – il-Ministru and Mrs Mizzi telqu mid-dar taghhom – il-falt taghhom mill-Fgura u xtraw flat tas-Sliema hi ma marritx mieghu. Hu dahal gol-flat tas-Slema wahdu. Ma dahlitx mieghu, u ma kinetx imsiefra dak iz-zmien...*

*U sorry, ridt inzid xi haga ohra wkoll. Li xi ftit xhur ilu kien hemm tieg ta' xi hadd tas-Super ONE u l-Ministru u Lindsey Gambin marru flimkien f' dan it-tieg u qaghdu l-hin kollu t-tieg flimkien, il-hin kollu. U again this is not normal behaviour. Its not. Its absolutely unprofessional behaviour."*

18. L-intimata xehdet ukoll fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016 li s-sit fejn ġie ippubblikat il-*blog post* huwa tagħha, li hija kienet tellgħet il-pubblikazzjoni in kwistjoni u li hija timmodera l-kummenti li jidħlu fuq il-*blog posts* li ttella' tramite is-sistema *Disqus.* Hija kkonfermat illi kien *an open secret* illi Konrad Mizzi kellu relazzjoni barra ż-żwieġ ma Lindsey Gambin. Qalet ukoll illi kieku ma riedx lin-nies jaħsbu li kien hemm relazzjoni barra minn lokha kieku ma kienx joqgħod magħha l-ħin kollu wara l-ħinijiet tax-xogħol u imur it-tiġijiet u *bars* magħha. Sostniet illi kien *a very senior since retired high ranking police officer* li kien żvelalha l-informazzjoni dwar il-fatt li ftit jiem qabel huwa kien għadu kemm ra lill-Ministru u lil Gambin jitgħannqu b'mod intimu fit-Tiffany's Champaign and Cigar Room ġewwa l-lukanda Hilton. Fuq talba speċifika mill-avukat tar-rikorrenti sabiex tikxef is-sors tagħha, l-intimata rrifjutat li tagħmel dan.

19. F'dan ir-rigward sussegwentement ġie ppreżentat rikors mir-rikorrenti fil-25 ta' Jannar 2016 sabiex: "*l-intimata tkun ordnata tixhed dwar kif u minghand min allegatament waslet ghandha I-informazzjoni' dwar ir-rikorrent, u dan bil-ghan Ii tkun tista' tohrog il-verita kollha dwar il-kaz u ghall-harsien tal-interessi tal-gustizzja"*. Għal dan ir-rikors, l-intimata rrispondiet fl-1 ta' Frar 2016 permezz ta' nota risponsiva b'talba sabiex il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti. Imbagħad permezz tad-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 2016 il-Qorti ddeċidiet illi "*l-intimata, bhala awtrici tal-kitba meritu tal-kawza odjerna, ghandha dritt, abbazi tal-Artikolu 46 tal-Kap 248, tirrifjuta illi tikxef is-sorsi ta' informazzjoni".*

20. Fil-11 ta' Lulju 2016 ġie ppreżentat l-affidavit maħluf ta' **Sai Mizzi Liang** fejn din sostniet illi hija kienet xxukkjat ruħha malli inġibditilha l-attenzjoni għall-*blog post* in kwistjoni. Hija qalet illi l-allegazzjoni illi żewġha kien qiegħed f'relazzjoni intimata ma Lindsey Gambin u li ż-żwieġ tagħha sfaxxa minħabba f'hekk, kienet allegazzjoni totalment falza. Hija ukoll falza d-dikjarazzjoni illi hija telqet lejn iċ-Ċina minħabba li sfaxxa ż-żwieġ tagħha. Filfatt hija sostniet illi t-tluq tagħha lejn iċ-Ċina kienet biss *a*

*career decision* u li f'pajjiżha ma kienetx xi ħaġa mhux komuni illi koppja miżżewġa jżommu *long-distance relationship* għal tul ta' żmien filwaqt li r-raġel u l-mara jkomplu bil-karrieri rispettivi tagħhom. Skond hi ż-żwieġ tagħha ma' Konrad Mizzi kien u baqa' b'saħħtu u li kien ovvju għaliha illi l-intimata kienet ippubblikat il-*blog* sabiex twettaq attakk personali fuqha u fuq żewġha. Qalet illi l-*mala fede* tal-intimata joħroġ mill-fatt illi minkejja s-sejħa tagħha sabiex fid-dawl tal-allegazzjonijiet tagħha jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' Mizzi Liang, filfatt dan il-kuntratt kien diġà ġie ippubblikat xi erba' xhur qabel ma kitbet l-artiklu.

21. L-intimata sostniet li l-allegazzjonijiet tal-intimata kienu offensivi ħafna u umiljawha. Skond hi l-artiklu nkiteb b'mod illi jqajjem kurżita fil-pubbliku dwar il-familja tagħha tant illi dan ġie *shared* fuq il-*Facebook* għal xi 32,000 darba (u xi 10,000 darba fuq *Twitter*). Qalet li l-familja tagħha kienet suġġetta għal *public ridicule* u disprezz tan-nies u dan joħroġ ukoll mill-kummenti li l-qarrejja tal-*blog* ħallew fuq l-artiklu in kwistjoni, liema kummenti hija ddeskriviet bħala orribbli. Qalet illi tħossha *scarred* bil-pubblikazzjoni u tinkwieta ħafna illi t-tfal tagħha xi darba jaqraw dwar l-allegazzjonijiet foloz. Sostniet ukoll illi minħabba li l-pubblikazzjoni kienet fuq l-*internet*, il-ħsara kkaġunata mill-intimata kienet waħda sinjifikanti u permanenti.

22. In kontroeżami fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2018 hija qalet illi kienet ġiet diversi drabi f'Malta mill-2014 iżda ma setgħetx tiftakar eżattament meta oltre milli kienet ġiet fil-vaganzi tas-Sajf, fl-Għid il-Kbir u fil-Milied. F'dik is-sena stess (2018) hija kienet għadha kemm ġiet Malta għall-vaganzi tal-Għid. Is-sena ta' qabel kienet ġiet għall-vaganzi tas-Sajf, għall-elezzjonijiet u għal kull vaganzi tal-iskola li kellhom it-tfal. Qalet li t-tfal dejjem ġew magħha Malta u li kull meta tiġi Malta hija kienet toqgħod id-dar tagħha f'Tas-Sliema. Id-dar ta' Raħal Ġdid ma' kienetx id-dar matrimonjali tar-rikorrenti u kienet biss il-post fejn kien reġistrat żewġha. It-tfal kienu joqogħdu daqqa magħha u daqqa man-nanniet. Iddeskriviet bħala gidba totali l-allegazzjoni illi hija kienet talloġġja f'lukanda waqt il-mawriet tagħha ġewwa pajjiżna.

23. Fil-11 ta' Lulju 2016 ukoll ġie ppreżentat l-affidavit maħluf ta' **Patrick Vella** li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Privat tal-Ministru Mizzi. Qal li f'Ottubru 2014, il-Ministru kien talbu sabiex jorganizza l-mawra f'Malta ta' ċertu Darren Glynn bl-għan li dan ikollu laqgħat uffiċjali mal-Ministru. Huwa ħa ħsieb jagħmel l-arranġamenti meħtieġa u l-mawra kienet skedata li ssir bejn l-24 ta' Ottubru 2014 u s-27 ta' Ottubru 2014. Ikkonferma li s-Sur Glynn kien f'Malta f'dak il-perjodu iżda hu personalment ma' kienx preżenti għall-laqgħat. Spjega li fil-25 ta' Ottubru 2014, Mizzi kien infurmah li dakinhar flgħaxija kien ser jospita lil Glynn

ġewwa Portomaso u stiednu sabiex ikun preżenti u sabiex jistieden ukoll lil Lindsey Gambin, uffiċjal fil-Ministeru. Huwa għadda l-messaġġ lill-istess Gambin iżda peress li kellu impenji oħra talab li jiġi skużat milli jattendi.

24. Fit-18 ta' Ġunju 2018 ġie ppreżentat l-affidavit maħluf ta' **Darren Glynn** li spjega illi huwa kien ġie kkuntattjat minn Patrick Vella sabiex jattendi laqgħat ta' xogħol ġewwa Malta mal-Ministru Mizzi. Huwa eventwalment ġie Malta u ltaqa' mal-Ministru mar-rikorrenti Gambin. Il-laqgħat kien saru filogħdu tal-25 ta' Ottubru 2014 fil-*lobby* tal-lukanda Hilton u tkomplew flgħaxija f'*outlet* ġewwa Portomaso. Skond hu l-laqgħat kienu saru b'mod professjonali u ma kien ra xejn li ma' kienx f'loku.

25. Fid-29 ta' Novembru 2018 ġie ppreżentat l-affidavit maħluf tal-Avukat **Dr. Peter Caruana Galizia**, wieħed mill-*aventi causa* tal-intimata li ġew trasfużi fih l-atti tal-kawża wara l-qtil ta' martu, li spjega kif huwa ma' kellux x'jaqsam mal-*blog* in kwistjoni iżda jiftakar meta martu kienet irċeviet telefonata mingħand persuna li ddeskrivietu bħala ex-uffiċjal tal-Pulizija li kienet tafu sew bħala persuna affidabbli. Huwa kien preżenti meta saret din it-telefonata u mid-diskors ta' martu seta' jifhem sew x'kien qed jgħid il-persuna fuq in-naħa l-oħra tal-linja u ċioe illi kien ra lil Konrad Mizzi u Lindsey Gambin jitbewwsu fis-siegħat bikrin ta' filgħodu ġewwa t-*Tiffany Champagne and Cigar Room* fil-Hilton. Huwa jiftakar lill-martu tgħidlu fuq ix-xniegħat persistenti dwar il-ħajja privata tar-rikorrent u f'dan ir-rigward jaf li kienet tirċievi ħafna telefonati u messaġġi partikularment minn impjegati fil-Ministeru tiegħu dwar il-fatt illi dawn kienu ikunu dejjem flimkien u saħansitra kienu marru għal riċeviment ta' tieġ. L-intimata kienet infurmatu illi ż-żwieġ ta' Mizzi kien sfaxxa u li Sai Mizzi Liang riedet tmur lura ċ-Ċina sabiex tgħix hemm mat-tfal tagħha.

26. Skond l-intimat, martu kellha f'idejha kopja ta' rapport maħruġ mill-FIAU li minnhu rriżulta illi minn sbatax-il darba li Konrad Mizzi mar iċ-Ċina, f'sittax-il okkażjoni huwa raqad f'lukanda u mhux ma' martu fid-dar tagħha.

27. L-intimat xehed ukoll illi martu kienet qaltlu li kien hemm persuna oħra, fizzjal fl-Armata, li kien rahom flimkien f'posizzjoni komprometttenti bil-lejl u ċioe wara l-ħinijiet tax-xogħol. Martu kienet ukoll irċeviet ritratti tar-rikorrent f'numru ta' *bars* flgħaxija mdawwar b'persuni, fosthom tfajliet li kienu nofs l-eta' tiegħu.

28. Skond l-intimat kollox kien jindika illi l-aħbar tal-kollass taż-żwieġ tal-konjugi Mizzi u r-relazzjoni extramaritali ta' Konrad Mizzi mar-rikorrenti, kienet waħda verosimili u li Sai Mizzi Liang kienet verament telqet minn Malta għal kollox flimkien mat-tfal tagħha u kienet tiġi Malta biss sabiex żewġha jżomm kuntatt ma uliedhom fil-

vaganzi tal-iskola. Isostni li martu kienet konvinta illi Konrad Mizzi kien irranġa sabiex martu tingħata posizzjoni mal-Gvern Malti ġewwa ċ-Ċina biex jiffranka l-manteniment. Tenna ukoll illi martu kienet konvinta illi *"l-ħajja privata ta' persuna pubblika hija ukoll riflessjoni ta' kif dik il-persuna taġixxi fl-irwol pubbliku tagħha u vice-versa fis-sens illi jkun hemm it-taħwid kemm fil-hajja privata kif ukoll fir-rwol pubbliku. Għalhekk kienet temmen fil-każ ta' Konrad Mizzi illi l-fatt illi kellu problemi matrimonjali kien jikkombaċja perfettament mal-fatt illi kien irranġa biex ftit ijiem wara l-elezzjoni ġenerali tas-sena 2013 kien qabbad lil Nexia BT biex jagħmel kumpanija sigrieta fil-Panama (Hearnville) fejn ukoll l-ishma kienu f'isem trust (Rotorua Trust) reġistrata fin-New Zealand biex kollox ikun moħbi; kif ukoll mar-rivelazzjonijiet aħħarin li l-kumpanija 17 Black Ltd li hija ta' Yorgen Fenech, direttur u azzjonista fl-Electrogas Limited li bniet power station tal-valur ta' €450,000,000 meta Konrad Mizzi kien il-ministru responsabbli mill-enerġija kellha titfa somma ta' €150,000 fix-xahar fil-kont bankarju ta' Hearnville."*

29. L-intimat għalaq l-affidavit tiegħu billi qal illi hu u t-tfal tiegħu sabu ruħhom f'sitwazzjoni fejn riedu jiddefendu din il-kawża u jressqu l-provi relattivi fl-assenza tal-persuna li kienet l-aħjar xhud, ossia l-intimata nfusha, stante l-qtil tagħha. Qal illi li kieku hu jew uliedu kienu jafu min kienu s-sorsi tal-intimata kienu ikunu f'posizzjoni aħjar li jikkontestaw il-kawża u għalhekk il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni dan in-nuqqas ta' *playing field* fid-deliberazzjonijiet tagħha.

30. Fl-20 ta' Ġunju 2019 ġie pprezentat l-affidavit maħluf ta' **Matthew Caruana Galizia** li spjega illi għalkemm ma' kienx involut fil-pubblikazzjoni tal-*blog post* in kwistjoni huwa jiftakar li ommu kienet irċeviet telefonata mingħand persuna, li ma' kienetx qaltlu min hu għajr għall-fatt illi kien persuna f'kariga għolja fil-Korp tal-Pulizija u li kien affidabbli, li qallha li Konrad Mizzi u Lindsey Gambin kienu qegħdin jitgħannqu u jitbewwsu fit-*Tiffany Champagne & Cigar Room* tard billejl ġewwa l-lukanda Hilton f'San Ġiljan. Ommu kienet qaltlu li kienet ilha tirċievi informazzjoni dwar ir-relazzjoni extramaritali ta' Konrad Mizzi imma ma kienetx lesta tippubblikaha qabel ma tirċievi konferma tagħhom minn xi ħadd affidabbli u magħruf lilha personalment. Kemm ommu u kemm hu kienu jirċievu b'mod regolari ritratti ta' Konrad Mizzi f'diversi *bars, clubs* u postijiet tad-divertiment fejn kien ikun iċċirkondat minn diversi nies, partikularment nisa li kienu ferm iżgħar minnu.

31. Fil-bqija tal-affidavit tiegħu huwa rripeta ftit jew wisq dak li xehed missieru l-intimat l-ieħor l-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia. Stqarr ukoll illi anke li kieku llum il-ġurnata kienu jafu l-ismijiet tas-sorsi li żvelaw l-informazzjoni lill-ommu, l-intimati ma' kienux jitolbu lil dawn sabiex jixhdu peress li dan ikun tradiment tal-fiduċja li kellhom fl-intimata u jagħmel ħsara rrimedjabbli lill-liberta' tal-istampa

f'pajjiżna. Jagħlaq l-affidavit tiegħu bil-kliem segwenti: *"The court should take into account this possibility whereby applicants may vexatiously sue a journalist, murder them, then automatically win the case against them since the murdered journalist is no longer in a position to contest the case and produce the evidence known to them."*

32. Finalment, wara li l-intimati kienu ottjenew awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex jressqu lis-**<u>Supretendent Jesmond Arnaud</u>** bħala xhud tagħhom, dan kien xehed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021. Huwa kien ġie mitlub jixhed dwar kif kienu mniżżla l-ismijiet ta' Konrad Mizzi u Sai Mizzi Liang u ta' Lindsey Gambin, fil-*contacts list* tat-telefon ċellulari ta' Yurgen Fenech, liema telefon kien ġie elevat mill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom dwar il-qtil tal-intimata. Ix-xhud qal illi meta daħħal bħala *keywords* l-ismijiet ta' dawn il-persuni kif ukoll numru ta' derivazzjonijiet ta' dawn l-ismijiet huwa sab l-ismijiet ta' Lindsey Gambin u ta' Konrad Mizzi (li kien imniżżel bħala "Conrad Mizzi") però ma sab l-ebda isem jikkorrispondi għal Sai Mizzi Liang. Għas-suġġeriment li sarlu mill-avukat tal-intimati u ċioe illi l-*contact name* ta' Lindsey Gambin kien indikat bħala *"the lover of Konrad Mizzi"* huwa spjega illi ma kien irriżulta xejn meta indika bħala *keyword* il-kelma "*lover".*

**Kunsiderazzjonijiet**

33. Id-difiża tal-intimati hija dik:
    - Illi l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Gambin,
    - illi l-pubblikazzjoni tikkontjeni kummenti li jammontaw għal *fair comment* ibbażati fuq fatti sostanzjalment korretti u għalhekk mhux libellużi.

*It-tieni eċċezzjoni: il-kumment ġust*

34. Fil-liġi Maltija (kemm Kap. 248 li hija l-liġi applikabbli għal din il-kawża u kemm il-Kap. 579 li pero' introduċa d-difiża tal-opinjoni onesta) m'hemm l-ebda disposizzjoni li tirregola din id-difiża. Madanakollu nonostante dan in-nuqqas leġislattiv il-Qrati tagħna kemm id-darba kienu disposti japplikawha in linea ma' dak provdut fil-liġi komuni Ingliża (u iktar tard il-liġi kodifikata Ingliża).

35. Fir-rigward ta' din id-difiża, Lord Tom Denning fis-sentenza **<u>London Artists Ltd. v. Emile Littler</u>** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) qal hekk:

    *"The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments*

*or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"*

36. J.C.C. Gatley, awtorita' fil-liġi Ingliża fejn tidħol il-liġi tal-malafama (libelli u kalunji), fost oħrajn jgħid is-segwenti dwar din id-difiża:

- "To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is ona matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea" [2]

- "... fair comment is not a defence to defamatory statements of fact, and if the matter complained of contains such statements, the defendant must plead justification."[3]

- "What is the meaning of fairness? First, the comment must be based on facts, stated or indicated in the matter complained of. If the facts are not so stated or referred to, then a statement of opinion will stand in the same position as an allegation of fact. There is also a subjective element in this: what did the defendant have in mind? Secondly, the comment must be supported by the facts, or there must be a basis of fact sufficient to warrant the comment made, that is, the comment, even if the jury do not agree with it, must in some sense be consonant with the facts relied on. This is an objective test. Thirdly, the facts stated in the libel must be truly stated, or if some are not proved to be true, then the defendant must show that the expression of opinion is fair comment having regard to such of the facts alleged or referred to in the words complained of as are proved... Fourthly, the comment must be such as can be fairly called criticism, and not be

---

[2] *Gatley on Libel and Slander* (8th edition), (1981), The Common Law Library, para. 692, p. 291
[3] *ibid.* para. 693, p. 291

mere invective. Finally that the comment was made maliciously or was not the expression of the author's real opinion will also make the comment unfair."[4]

- "A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing. But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment." [5]

- "The defence of fair comment does not extend to cover misstatements of fact however bona fide. There is no doubt that the public acts of a public man may be lawfully made the subject of fair comment or criticism, not only by the Press, but by all members of the public. But the distinction cannot be too clearly borne in mind between comment or criticism and allegations of fact, such as that disgraceful acts have been committed . . . " It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct. A defamatory statement of fact must be justified, if it is not the subject of privilege; the defence of fair comment relates only to comment, and the Defamation Act 1952, s. 6, has not altered this. Thus, if the words complained of contain defamatory allegations of fact, the defendant must prove such allegations of fact to be true; it is not sufficient to plead that he bona fide believed them to be true. Bona fide belief in the truth of what is written may mitigate the amount, but it cannot disentitle the plaintiff to damages" [6]

37. Il-Gatley jiġbor f'sinteżi qasira ir-rekwiżiti għad-difiża tal-*fair comment*:

" For comment to be fair, it must meet the following conditions:

(a) It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of.

(b) The facts must be sufficiently true to make the comment fair.

(c) If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives, or perhaps any inference of fact, the comment must be shown to be justifiable.

---

[4] *ibid.* para. 696, p. 293-294
[5] *ibid.* para. 697, p. 294
[6] *ibid.* para. 698, p. 294-295

(d) The comment be such as fairly to be described as criticism

(e) The comment must represent the honest opinion of the commentator, and be published without malice."[7]

38. Finalment rigward il-ħtieġa li l-fatti li fuqhom ikunu ibbażati l-kummenti għandhom ikunu sostanzjalment veri, il-Gatley jgħid hekk:

> "A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail."[8]

39. Qabel ma l-Qorti tinoltra aktar fuq il-mertu ta' din l-eċċezzjoni jkun għaqli illi wieħed jislet dak li għandu jiġi meqjus bħala t-tifsira singulari tal-pubblikazzjoni mertu tal-kawża.

40. Fir-rigward ta' "*The Ordinary Meaning of Words"* fil-liġi komuni Ingliża l-Gatley jgħid hekk:

> "*While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole… Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment*."[9]

41. Fis-sentenza mogħtija mill-*House of Lords* (li l-funzjoni ġudizzjarja tagħhom llum tappartjeni lill-Qorti Suprema tar-Renju Unit) fl-ismijiet: **Lewis v Daily Telegraph [1964] AC 234** *inter alia* ingħad is-segwenti minn Lord Devlin:

> *"The ordinary meaning of words and the meaning enlarged by innuendo give rise to separate causes of action, but there has also been a divergence between the popular and the legal meaning of " innuendo." The natural and ordinary meaning of words for the purposes of*

---

[7] *ibid.* para. 709, p. 300
[8] *ibid.* para. 715, p. 304
[9] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

> *defamation is not their natural and ordinary meaning for other purposes of law. There must be added to the implications which a court is prepared to make as a matter of construction all such insinuations and innuendos as could reasonably be read into them by the ordinary man...*
>
> *... My Lords, the natural and ordinary meaning of words ought in theory to be the same for the lawyer as for the layman, because the lawyer's first rule of construction is that words are to be given their natural and ordinary meaning as popularly understood. The.proposition that ordinary words are the same for the lawyer as for the layman is as a matter of pure construction undoubtedly true. But it is very difficult to draw the line between pure construction and implication, and the layman's capacity for implication is much greater than the lawyer's. The lawyer's rule is that the implication must be necessary as well as reasonable. The layman reads in an implication much more freely; and unfortunately, as the law of defamation has to take into account, is especially prone to do so when it is derogatory.*"

42. Il-Qorti tqis illi fil-konfront tar-rikorrenti Gambin il-*blog post* mertu tal-kawża jikkontjeni l-allegazzjoni prinċipali illi l-Ministru Konrad Mizzi qiegħed f'relazzjoni extra matrimonjali mar-rikorrenti, bħala persuna mis-segretarjat privat tiegħu, b'dan li sfaxxa iż-żwieġ tiegħu minn ma' martu Sai Mizzi Liang. Għalhekk mhux daqstant indirettament ġie allegat illi r-rikorrenti kienet il-kawża tal-fatt illi sfaxxa ż-żwieġ tal-Ministru Mizzi u martu. Inoltre l-*innuendo* ċar tal-pubblikazzjoni huwa ukoll illi r-rikorrenti nħatret fil-kariga tagħha mal-Ministru Mizzi minħabba din ir-relazzjoni intimata li kellha miegħu.

43. Bla dubbju, l-ebda waħda minn dawn l-allegazzjonijiet ma rriżultaw ppruvati. Dwar l-ewwel allegazzjoni l-intimata laħqet xehdet qabel l-assassinju tagħha u rreżistit, kif kellha kull dritt tagħmel bħala ġurnalista, illi tikxef is-sorsi tagħha li kienu ex-uffiċjal għoli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u uffiċjal tal-Forzi Armati. F'dan is-sens il-Qorti ma tantx tista' taqbel mal-fehma tal-intimat Matthew Caruana Galizia, ripetuta mill-abbli avukat difensur tal-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, illi f'din il-kawża huma qegħdin fi żvantaġġ stante l-qtil tax-xhud prinċipali (ċioe l-intimata). Jingħad dan għaliex kif ġa ntqal l-intimata laħqet xehdet u kienet reżoluta, kif kellha kull dritt tkun, li ma tikxifx is-sorsi tagħha. Di piu, il-Qorti ukoll ma tistax ma tirrimarkax illi minkejja li fl-affidavit tiegħu Matthew Caruana Galizia tenna illi huwa **<u>ta' spiss</u>** u **<u>indipendentement minn ommu</u>** kien jirċievi ritratti ta' Konrad Mizzi ġewwa bars, clubs u stabbilimenti ta' divertiment iċċirkondat bi tfajliet ta' nofs l-eta' tiegħu, huwa qatt ma ppreżenta xi ritratt minnhom fil-kawża, xi ħaġa li seta' jagħmel jekk hemm bżonn anke billi jittieħdu miżuri speċjali ta' protezzjoni mill-Qorti biex ma jkunux disponibbli lill-pubbliku. Għalhekk fir-rigward ta' din l-allegazzjoni ta' relazzjoni extramaritali l-eċċezzjoni tal-*fair comment* hija destinata li tfalli.

44. Dwar l-implikazzjoni illi r-rikorrenti waslet bis-saħħa tar-relazzjoni li kellha mal-Ministru Mizzi, din ukoll bl-ebda mod ma' ġiet pruvata min-naħa tal-intimati.

*L-ewwel eċċezzjoni: jekk l-allegazzjonijiet infushom humiex malafamanti jew le*

45. L-intimati eċċepew ukoll illi l-pubblikazzjoni m'hijiex malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Gambin.

46. Billi l-fatti allegati ma jirriżultawx sostanzjalment korretti, dan ma jfissirx li b'daqshekk ir-rikorrenti rnexxielha tippruva l-każ tagħha. Dan jingħad għaliex mhux kull allegazzjoni falza hija malafamanti u jeħtieġ illi, ai termini tal-Art. 28(1) tal-Att dwar l-Istampa, il-Qorti tkun sodisfatta illi l-allegazzjonijiet foloz kienu kalkulati li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrenti. Mhux meħtieġ però illi jiġi ppruvat illi attwalment ġiet ikkawżata ħsara, wisq inqas ħsara serja (kif titlob il-liġi l-ġdida ossia' l-Att dwar il-Midja u l-Malafama), lir-rikorrenti.

47. Qabel xejn dwar il-kunċett ta' reputazzjoni ingħad mill-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra fis-sentenza **Berkoff v. Burchill**[10] illi għall-finijiet tal-liġi tal-malafama:

> "*reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community…A publication will be defamatory if it affects in an adverse manner the attitude of other people towards the person"*

Din hija affermazzjoni tat-test addottat minn Lord Atkin fis-sentenza **Sim v Stretch**[11], test li għadu jiġi applikat fil-liġi komuni Ingliża sal-lum u ċioe:

> *"Do the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally? ... How could perusal of that communication tend to lower the plaintiff in the estimation of the right-thinking peruser who knows nothing of the circumstances but what he or she derives from the telegram itself?"*

Hekk ukoll fis-sentenza **Tolley v. Fry**[12] ingħad minn Greer LJ illi:

> *"Words are not actionable as defamatory, however much they may damage a man in the eyes of a section of the community, unless they also amount to disparagement of his reputation in the eyes of right-thinking men generally"*

---

[10] Berkoff v Burchill [1996] 4 All ER 1008; [1997] EMLR 139
[11] Sim v Stretch [1936] 2 All ER 1237
[12] Tolley v Fry & Sons Ltd [1931] AC 333

Dan it-test huwa meqjus bħala wieħed pjuttost wiesa u ma jirrikjedix xi ġudizzju morali jew etiku *"on the part of right thinking members of society generally"* imma sempliċiment "*a loss of standing in some respect".*

48. Inoltre jrid jingħad illi "il-*loss of standing on the part of right thinking members of society generally*" huwa suġġett għat-tibdiliet fl-istandards tal-valuri u prinċipji tas-soċjeta' maż-żminijiet. Dak li seta' kien malafamanti għoxrin, tletin sena ilu, mhux bilfors jista' jitqies l-istess illum il-ġurnata. Dan jista' jingħad li japplika partikularment fil-kuntest ta' allegazzjonijiet ta' infedelta' jew relazzjonijiet extra matrimonjali.

49. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell f'New South Wales fl-ismijiet **<u>Cairns and Morosi v. John Fairfax & Sons Ltd</u>** ingħad minn Mahoney JA f'kuntest ta' allegazzjoni illi r-rikorrent kien involut f'relazzjoni barra ż-żwieġ mal-assistenta tiegħu illi:

> *"it is open to a jury to conclude whether a reasonable or right-thinking member of the community would take the view that religious or ethical principles, as currently understood or propounded, impose too high or too rigid a standard of sexual morality and that the standards by which the conununity judges sexual associations are, if not lower and more flexible, at least different"*

Ingħad ukoll fl-istess sentenza minn Hutley JA illi:

> *"the fact that so intelligent and glamorous a woman as Miss Morosi.... developed a romantic interest in him may raise his (Dr Cairns's) standing in public eyes, and the fact that so important a figure as the Treasurer of the Commonwealth reciprocated her interest may raise her standing in public eyes...The simultaneous finding that there was the allegation of improper adultery between the two appellants and the finding that this is not defamatory is unusual, but not perverse in these days."*

50. B'kuntrast, fis-sentenza **<u>Costello and Another v. Random House</u>** Higgins J esprima l-fehma tiegħu illi allegazzjonijiet foloz ta' infedelta' fiż-żwieġ għandhom jibqgħu meqjusa bħala malafamanti:

> *"This is so not only because such an allegation might lower tbe reputation of a person or because the alleged conduct might be discreditable but also because tbe effect might render the person liable to derision or the subject of scandal."*

51. M'huwiex faċli li wieħed ikun jaf b'digriet ta' ċertezza x'jaħsbu b'mod ġenerali *right thinking members* ta' intelliġenza ordinarja u raġjonevoli fis-soċjeta' Maltija dwar

persuna li jkollha relazzjoni barra miż-żwieġ, irrispettivament minn jekk dik il-persuna hijiex fil-politika jew le. Il-probabilta' hija illi għalkemm kien hemm bidliet radikali fil-valuri u prinċipji tas-soċjetà Maltija partikularment f'dawn l-aħħar tletin sena, xorta waħda għadu meqjus bħala immorali u mhux korrett illi persuna, hi min hi, taqlibha lill-*partner* tagħha jew lill-parti l-oħra fiż-żwieġ. Issa fil-konfront tar-rikorrenti Gambin ma tressqitx prova illi hija kienet f'relazzjoni ma persuna oħra (għajr għall-allegat relazzjoni mal-Ministru) jew li kienet f'xi żwieġ. Madanakollu l-allegazzjoni hija aktar wiesa billi jingħad illi huwa minħabba r-relazzjoni tal-Ministru magħha illi sfaxxa ż-żwieġ tal-konjugi Mizzi. Fil-fehma tal-Qorti allegazzjoni bħal din għandha l-għan li twassal sabiex titbaxxa l-istima tagħha *on the part of right thinking members of society generally.*

52. Kif ġa ngħad, il-pubblikazzjoni tmur oltre minn hekk billi fiha l-implikazzjoni illi l-intimata ngħatat il-kariga tagħha proprju għaliex ibbenefikat mir-relazzjoni tagħha mal-Ministru. F'dawn iċ-ċirkustanzi bla dubbju l-Qorti ma tarax kif ma tistax tqis din l-allegazzjoni bħala waħda malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti mhux l-anqas għaliex hija degradanti billi ġġib fix-xejn dak kollu li r-rikorrenti setgħet kisbet bil-ħiliet tagħha matul is-snin.

53. Inoltre, numru ta' kummenti minn membri tal-pubbliku li tħallew jidhru mill-intimata bħala reazzjoni għall-*blog post* tagħha huma ukoll tali li għandhom l-għan li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrenti. Fost oħrajn per eżempju m'hemmx dubbju illi l-kumment ta' persuna bl-isem ta' "Verita" illi l-Ministru huwa bla qalb u li ma kkunsidrax it-tfal tiegħu qabel ma' ċeda għall-ħażen tal-ħaddiema tal-ONE, huwa tali li jiftiehem b'mod ċar illi r-rikorrenti kienet ħadmet lill-Ministru fis-sens illi kellha pjan premeditat sabiex twaqqgħu biex jidħol f'relazzjoni extramaritali magħha.

**Kunsiderazzjoni dwar il-ħlas ta' danni morali mill-eredi tal-intimata**

54. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Phyllis Muscat v. Daphne Caruana Galizia</u>** (Rik Nru 119/2017 VGA, 08/02/2021):

> "Fil-liġi proċedurali ċivili tagħna, l-eredi ta' parti fil-kawża, inkluż tal-intimat, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta f'dik li tissejjaħ "it-trasfużjoni tal-ġudizzju". Fin-nuqqas, il-parti l-oħra fil-kawża tista' titlob li jsir dan u eventwalment jekk l-ebda werriet ma' jidħol biex ikompli l-kawża, il-Qorti taħtar kuraturi biex jirrappreżentaw l-interessi tal-parti li tkun ġiet nieqsa.[13] F'din il-kawża t-trasfużjoni tal-ġudizzju

[13] Art. 806 *et. seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

seħħ b'digriet li tat il-Qorti fil-11 ta' Jannar 2018 wara li kienet saret talba għal dan il-għan mill-eredi tal-intimata, u ċioe mill-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Il-liġi ma' toħloq l-ebda eċċezzjoni għal meta kawża li taqa' taħt il-kompetenza tal-Qrati Ċivili ma' tkunx tista' titkompla kontra l-eredi tal-persuna li tkun ġiet nieqsa. Mhux l-istess jingħad f'numru ta' ġurisdizzjonijiet barra minn xtutna. Per eżempju fil-liġi Ingliża, skond l-Artikolu 1(1) tal-*Law Reform (Miscellaneous Provisions) Act 1934* id-dritt ta' azzjoni li jkun eżistenti kontra jew favur persuna li tmut, eżattament qabel il-mewt tagħha, jibqa' sħiħ anke wara l-mewt ta' dik il-persuna u dan **<u>b'eċċezzjoni għall-kawżi ta' malafama:</u>**

*'1(1) Subject to the provisions of this section, on the death of any person after the commencement of this Act all causes of action subsisting against or vested in him shall survive against, or, as the case may be, for the benefit of, his estate. Provided that this subsection shall not apply to causes of action for defamation'*

Fil-liġi Irlandiża, id-*Defamation Act 2009* jipprovdi għal emendi fis-*Civil Liability Act 1961* b'dan illi ġew introdotti s-segwenti artikoli:

*'8(1A) On the death of a person ... a cause of action subsisting against him shall survive against his estate.*

*(2A) Where by virtue of subsection (1A) of this section, a cause of action for defamation survives against the estate of a deceased person, the damages recoverable against the estate of that person shall not include general damages, punitive damages or aggravated damages.'*

Dan ifisser li fil-liġi Irlandiża filwaqt li azzjoni ta' libell tista' titkompla kontra l-eredi tal-mejjet, madanakollu ma' jistgħux jingħataw danni li ma' jkunux ta' natura monetarja (i.e. telf li jkun kwantifikabbli).

Fl-Awstralja, il-liġijiet tal-malafama tal-istati u territorji differenti fil-pajjiż huma uniformi u l-Artikolu 10 jgħid hekk:

*'10 A person (including a personal representative of a deceased person) can not assert, continue or enforce a cause of action for defamation in relation to—*

*(a) the publication of defamatory matter about a deceased person (whether published before or after his or her death); or*

*(b) the publication of defamatory matter by a person who has died since publishing the matter'*

Kif ingħad però il-liġi Maltija inkluż il-liġi l-ġdida li tirregola l-midja u l-malafama (Kap. 579) ma' toħloq l-ebda eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Filfatt il-Kap. 579 jipprovdi biss dwar il-possibilità illi tittieħed azzjoni għal malafama ta' persuna mejta mill-eredi iżda mhux dwar it-tkomplija ta' proċeduri mill-eredi jew kontra l-eredi"

## Kunsiderazzjoni dwar danni

55. Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Fil-verità però għad li dawn it-tip ta' danni mhumiex faċilment aċċertabbli, huma xorta waħda danni kumpensatorji (*"compensatory damages")* intiżi sabiex iqegħdu lill-persuna offiża lura fl-istat li kien qabel ma' sofra d-danni (*restitutio ad integrum*). Ċertament m'humiex danni punittivi jew eżemplari intiżi sabiex iservu ta' tagħlima għad-difamatur jew bħala deterrent għas-soċjetà in ġenerali. Kieku kien hekk il-każ, ma' jkunx jagħmel sens illi l-eredi tad-difamatur jiġu "puniti" u mġegħla jħallsu għal aġir li huma ma' kellhom x'jaqsmu xejn miegħu.

56. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'</u>** (Rik Nru 267/2014/1 AE, 18.12.2018):

> *"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

57. L-allegazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni mertu ta' din il-kawża kienu ta' natura pjuttost serja fis-sens illi esponew lill-intimata għall-istmerrija tal-pubbliku. Il-mezz tal-pubblikazzjoni użat, ċioe *blog* li kien popolari ħafna u moqri mhux biss ġewwa pajjiżna iżda anke barra minn xtutna, ifisser illi l-pubblikazzjoni inxterdet mad-dinja kollha u filfatt għad tista' tinqara sal-ġurnata tal-lum. Mill-banda l-oħra l-Qorti ma tista' lanqas tinjora l-fatt illi kien kompitu diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli għall-intimata (u għall-eredi tagħha) illi tipprova li l-allegazzjonijiet tagħha kienu sostanzjalment korretti billi hija ma setgħetx tikxef is-sorsi tagħha.

58. Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni, il-Qorti tikkunsidra illi fiċ-ċirkustanzi, hija għandha tillikwida d-danni morali dovuti lir-rikorrenti fis-somma ta' elf euro (€ 1,000).

**Deċiżjoni**

59. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

1. **Tiddikjara illi l-*blog post* bit-titolu *"This is the Super One journalist Konrad Mizzi has been seeing, and the reason his wife left for China"* ippubblikat mill-intimata fis-7 ta' Novembru 2014 fuq is-sit *www.daphnecaruanagalizia.com* u li għalih kienet responsabbli l-intimata (inkluż numru ta' kummenti tal-pubbliku li tħallew jidhru b'reazzjoni għal-istess *blog post)* kien malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf euro (€ 1,000) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur